Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, il-verifika u r-rapportar tal-miżuri ta' urġenza dwar il-kriżi tal-karburant Il-Kummissjoni hi impenjata bis-sħiħ biex issegwi mill-qrib l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' emerġenza previsti fil-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi azzjoni temporanja speċifika maħsuba biex jitħeġġeġ ir-ristrutturar tal-flotot tas-sajd tal-Unjoni Ewropea milqutin mill-kriżi ekonomika (COM(2008) 454 finali, 2008/0144 (CNS)). Il-Kummissjoni ser tistabbilixxi mekkaniżmi xierqa rigward l-appoġġ u s-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-miżuri, biex ikunu żgurati l-verifika, il-monitoraġġ u l-kontroll sħiħ tal-proċess u biex tiġi żgurata t-tħejjija ta' rapporti regolari dwar il-proċess u dwar ir-riżultati u d-djalogu kontinwu mal-persuni kollha kkonċernati. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni ser tfittex kooperazzjoni sħiħa mal-Istati Membri u s-settur. Il-Kummissjoni ser tiżgura li l-persunal, ir-riżorsi u l-kompetenzi meħtieġa jkunu ddedikati għal dan l-eżerċizzju daqshekk importanti, kemm fi ħdan is-servizzi tal-Kummissjoni u/jew billi wieħed jirrikorri għall-appoġġ u l-pariri ta' esperti esterni, b'mod partikolari l-awdituri tekniċi u finanzjarji. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ser tistabbilixxi task force interna biex tissorvelja l-proċess kollu ta' implimentazzjoni. Abbażi tar-riżultati tar-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill previst fl-Artikolu 20 b tar-Regolament tal-Kunsill, il-Kummissjoni, fejn meħtieġ, ser tagħmel il-proposti adatti għall-emendar ta' dan ir-Regolament.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
LULJU/AWWISSU 2008**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-bdil ta' magni Il-Kummissjoni tipproponi mekkaniżmi ġodda għaċ-ċertifikazzjoni tal-potenza tal-magni biex tevita żieda fl-isforz tas-sajd, fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 16(4) tal-proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi azzjoni temporanja speċifika maħsuba biex jitħeġġeġ ir-ristrutturar tal-flotot tas-sajd tal-Unjoni Ewropea milqutin mill-kriżi ekonomika. Dawn il-mekkaniżmi ser ikunu adottati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd. Fir-rigward tal-potenza tal-magni, dawn il-modalitajiet jistgħu jinkludu l-obbligu tal-Istati Membri li jivverifikaw il-koerenza tal-potenza tal-bastiment mal-informazzjoni kollha li jkollhom disponibbli l-amministrazzjonijiet pubbliċi tagħhom dwar il-karatteristiċi tekniċi tal-bastimenti; b'mod partikolari: a) id-data ta' VMS (Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti); b) il-logbook elettroniku; c) iċ-Ċertifikat Internazzjonali ta' Prevenzjoni tat-Tniġġis tal-Arja mill-Magna (EIAPPC) maħruġ skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness VI għall-Konvenzjoni MARPOL 73/78; d) ċertifikat tal-klassi maħruġ minn organizzazzjoni li twettaq spezzjonijiet u żjarat ta' bastimenti, approvati abbażi tad-Direttiva 94/57/KE tal-Kunsill. e) iċ-ċertifikat tal-prova fil-baħar; f) ir-reġistru tal-flotta mill-Kummissjoni; g) kwalunkwe dokument ieħor fejn jissemew il-potenza tal-bastiment jew karatteristiċi tekniċi oħrajn. Dawn il-modalitajiet jistgħu wkoll jippreċiżaw li jekk, wara li ssir verifika, ikun hemm indikazzjonijiet li l-potenza tal-bastiment tkun taqbeż dik imsemmija fil-liċenzja tas-sajd, l-Istati Membri jagħmlu spezzjoni fiżika tal-potenza tal-bastiment. Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-għajnuna għar-riċerka u l-innovazzjoni dwar l-effiċjenza fl-enerġija fis-settur tas-sajd Il-Kummissjoni tqis li r-riċerka u l-innovazzjoni fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija huma prijorità u għandu jkollhom l-appoġġ xieraq tal-istituzzjonijiet tal-UE għal dawk li huma l-finanzjament, il-koordinazzjoni u d-disseminazzjoni tar-riżultati. Il-Kummissjoni ser tiżgura li r-riżultati tal-proġetti ta' riċerka li għaddejjin bħalissa fl-UE kollha f'dan is-settur jiġu disseminati b'mod l-iktar wiesa' possibbli wara li dawn jintemmu. Il-Kummissjoni ser tħeġġeġ ukoll programmi oħrajn ta' riċerka u ta' studju, fost oħrajn billi ttejjeb il-kooperazzjoni bejn is-settur tas-sajd u setturi industrijali oħrajn li qed jiffaċċjaw l-isfida tal-enerġija. Il-Kummissjoni ser tfittex li tinvolvi lil riċerkaturi nazzjonali fl-eżami tal-attivitajiet ta' riċerka possibbli permezz ta' netwerks nazzjonali jew reġjonali bħall-ERA-NET. Fil-komunikazzjoni prevista tagħha dwar strateġija dwar riċerka marina u marittima għall-Ewropa, il-Kummissjoni ser tipproponi approċċ aktar strateġiku f'dan is-settur.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
LULJU/AWWISSU 2008**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar appoġġ għall-akkwakultura Il-Kummissjoni tiddikjara li, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1198/2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd, il-produzzjoni fis-settur tal-akkwakultura tista' tirċievi għajjnuna skont l-assi prijoritarji 2, 3 u 4 tar-Regolament imsemmi hawn fuq. Din tinkludi numru ta' possibbiltajiet ta' finanzjament b'mod partikolari bis-saħħa tal-Artikolu 29 (għajjnuna għal investimenti produttivi), l-Artikolu 30 (miżuri akkwa-ambjentali), l-Artikolu 37 (għajjnuna għal azzjonijiet kollettivi), l-Artikolu 41 (għajjnuna għal proġetti pilota) u l-Artikolu 44 (miżuri eliġibbli għall-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd). Il-Kummissjoni tqis li l-miżuri li għandhom l-istess għan bħal daww prewisti fl-Artikoli 8, 9 u 10 tar-Regolament tal-Kunsill propost li jistabbilixxi azzjoni temporanja speċifika maħsuba biex jithegġegħ ir-ristrutturar tal-flotot tas-sajd tal-Komunità Ewropea milqutin mill-kriżi ekonomika, huma eliġibbli għall-għajjnuna bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet imsemmijin hawn fuq. Din tikkonċerna l-verifika tal-enerġija għall-gruppi ta' sfruttament tal-akkwakultura, l-investimenti kollettivi għax-xiri ta' tagħmir għall-produzzjoni, l-ipproċessar jew il-kummerċjalizzazzjoni li jikkonsma anqas karburant kif ukoll il-proġetti pilota li jesperimentaw titjib tekniku maħsuba biex inaqqsu l-konsum tal-enerġija fil-produzzjoni tal-akkwakultura. Il-Fond Ewropew għas-Sajd jista' wkoll jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' miżuri soċjo-ekonomiċi għall-ħaddiema fis-settur tal-akkwakultura, fil-qafas tal-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tas-sajd. Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li qed taħdem attwalment fuq inizjattiva għal strateġija rinnovata biex titjieb il-prestazzjoni tas-settur tal-akkwakultura fl-UE. Din l-inizjattiva hija waħda mill-prijoritajiet tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni hu għandha tiġi ffinalizzata fl-aħħar tal-2008. Il-Kummissjoni ser tiżgura li d-diffikultajiet iffaċċjati mill-produtturi fis-settur tal-akkwakultura, minħabba l-prezz għoli tal-enerġija, ser jiġu meqjusa meta titfassal l-istrateġija. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha dwar l-appoġġ għall-adattament tal-flotot tas-sajd tal-Unjoni Ewropea għall-konsegwenzi ekonomiċi kkawżati mill-prezz għoli tal-karburant (COM (2008) 453 finali), tenniet l-intenzjoni tagħha li tadotta miżuri differenti biex jiġi appoġġat il-valur tal-ħut. Il-Kummissjoni ser tiżgura li l-prodotti tal-akkwakultura jkunu koperti minn dawn il-miżuri.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
LULJU/AWWISSU 2008**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-ghajjuna mill-Istat (l-Artikolu 4) L-Artikolu 36 tat-Trattat KE jipprevedi li l-Kunsill jista' jiddetermina safejn għandhom japplikaw ir-regoli dwar il-kompetizzjoni għall-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u l-kummerċ tagħhom (u b'hekk il-prodotti tas-sajd) u, b'mod partikolari, jawtorizza l-għoti ta' ghajjuna għall-protezzjoni ta' intrapriżi li huma żvantaġġati minħabba kondizzjonijiet strutturali jew naturali, jew fil-qafas ta' programmi ta' żvilupp ekonomiku. Abbażi ta' dan, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) jispeċifika li, bħala regola ġenerali, ir-regoli tal-kompetizzjoni dwar l-ghajjuna mill-Istat inklużi fl-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat KE japplikaw għal intrapriżi fis-settur tas-sajd. Madankollu, dawn ir-regoli ma għandhomx japplikaw għal kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Istati Membri għal operazzjonijiet ko-finanzjati mill-FES u provduti bħala parti minn programm operattiv. L-istess regoli għandhom japplikaw ukoll fil-qafas tar-Regolament propost tal-Kunsill li jistabbilixxi azzjoni temporanja speċifika taħt il-Fond Ewropew għas-Sajd bil-għan li jħeġġeġ ir-ristrutturar tal-flotot tas-sajd tal-Unjoni Ewropea milqutin mill-kriżi ekonomika (minn hawn 'il quddiem "il-proposta leġislattiva"). Il-formulazzjoni tal-Artikolu 4(1) tal-proposta leġislattiva ġiet allinjata mar-Regolament tal-Kunsill propost reċentement li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Min dak li jinsab hawn fuq jirriżulta li miżuri fis-settur tas-sajd li jinvolvu l-ghajjuna mill-Istat mogħtija mill-Istati Membri mill-fondi nazzjonali biss, mingħajr ebda finanzjament mill-istrumenti finanzjarji tal-Komunità għandhom, fil-prinċipju, jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni u vvalutati minnha skont l-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat KE dwar l-ghajjuna mill-Istat. Minħabba l-urġenza u n-natura temporanja tal-miżuri skont il-proposta leġislattiva, l-Artikolu 4 jfittex li jikseb li l-miżuri kollha li jinvolvu l-ghajjuna mill-Istat mogħtija mill-Istati Membri mingħajr ebda finanzjament mill-istrumenti finanzjarji tal-Komunità, li huma kompletament konsistenti mal-kondizzjonijiet ta' din il-proposta leġislattiva, ikunu eżentati mill-applikazzjoni tar-regoli dwar l-ghajjuna mill-Istat stabbiliti fl-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat tal-KE. Bil-għan li jiġu limitati d-distorsjonijiet potenzjali tal-kompetizzjoni u l-effetti negattivi fuq is-suq intern, din l-eżenzjoni għandha tkun soġġetta għal obbligi ta' rappurtar imtejba u għal-limitazzjonijiet previsti fl-Artikoli 4(2) u 4(3) ta' din il-proposta leġislattiva, jiġifieri, għandha tapplika biss għal proġetti bi spejjeż eliġibbli ta' anqas minn EUR 2 miljun jew ammont totali ta' ghajjuna ta' anqas minn EUR 1 miljun. Il-miżuri li jinvolvu l-ghajjuna mill-Istat mogħtija mill-Istati Membri mingħajr ebda finanzjament mill-istrumenti finanzjarji tal-Komunità u li jeċċedu dawn il-limiti, li madankollu huma konsistenti mal-kondizzjonijiet l-oħrajn kollha ta' din il-proposta leġislattiva, għandhom ikunu kompletament soġġetti għar-regoli tal-kompetizzjoni dwar l-ghajjuna mill-Istat stabbiliti fl-Artikoli 87, 88 u 89 tat-Trattat KE. Dan ifisser li miżuri bħal dawn għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 88(3) tat-Trattat KE u vvalutati mill-Kummissjoni fuq bażi ta' każ b'każ, b'kont meħud b'mod partikolari, tal-ġustifikazzjoni u l-indispensabbiltà ta' ghajjuna bħal din murija mill-Istat Membru kkonċernat.			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI
LULJU/AWWISSU 2008**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-implikazzjonijiet finanzjarji Il-proposta mhijiex ser iżżid la attwalment u lanqas fil-futur il-fondi disponibbli għall-FES għall-2007 - 13. Bil-għan li jsir użu sħiħ tad-derogi previsti fir-Regolament, l-Istati Membri jridu jipprogrammaw mill-ġdid il-Programmi Operattivi tagħhom taħt il-FES, fil-limiti tal-appropriazzjonijiet ta' impenn disponibbli attwalment għall-FES għall-perijodu 2007 - 13 u jikkontribwixxu permezz ta' ko-finanzjament nazzjonali. Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni tiddikjara li l-kobor tal-kriżi ser jeħtieġ sforz ta' ristrutturar bla preċedent. Għalhekk l-implimentazzjoni tal-pakkett ser tinvolvi ammont kbir ta' appoġġ finanzjarju pubbliku. Il-ħtieġa finanzjarja għat-tmiem permanenti jew temporanju tal-attivitàjiet tas-sajd biss, fir-rigward tat-taqsimiet tal-flotot li huma milquta bl-ikrah mill-kriżi, hi stmata li hi ta' aktar minn EUR 1.6 biljun. Bl-appoġġ addizzjonali għall-investiment biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija, il-miżuri tas-suq u dawk soċjo-ekonomiċi, l-azzjonijiet kollettivi u l-proġetti pilota, li huma kollha inklużi fl-azzjoni temporanja speċifika biex ikun imħeġġeġ ir-ristrutturar tal-flotot tas-sajd milquta mill-kriżi ekonomika, il-ħtieġa finanzjarja totali hi stmata li hi madwar EUR 2.0 biljuni. Il-programmar attwali tal-assi prijoritarju 1 tal-FES għal dawn il-miżuri hu stmat li jkopri madwar EUR 600 miljun, bi stima ta' EUR 250 miljun addizzjonali li ġejjin mill-ko-finanzjament nazzjonali. Il-Kummissjoni tistma wkoll li EUR 550 miljun ser ikollhom jiġu mill-programmar mill-ġdid tal-Programmi Operattivi tal-FES. L-ammont li jibqa' hu stmat li jilħaq sa EUR 600 miljun. Parti minn dak l-ammont tista' tkun iffinanzat permezz tal-marġini mhux allokat taħt l-Intestatura 2 tal-limiti tal-Qafas Finanzjarju għas-snin 2009 u 2010, bil-biċċa l-kbira minnu ġejja mill-2009. Dan m'għandux jippreġudika l-livelli ta' nfiq tal-PAK. Kwalunkwe ammont addizzjonali għandu jkun soġġett għall-manteniment tal-livelli tal-ispiża tal-PAK f'dawn is-snin għal taħt is-sub-limiti korrispondenti, u għandu jkun soġġett għal analiżi sħiħa u ġustifikazzjoni sħiħa. Qabel ma jkun jista' jiġi mmobilizzat kwalunkwe fond addizzjonali, il-Kummissjoni l-ewwel ser tiżgura li l-Istati Membri jkunu għamli disponibbli r-riżorsi sinifikanti ssottolinjati hawn fuq permezz tal-programmazzjoni mill-ġdid tal-PO (Programm Operattiv) u l-fondi nazzjonali. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni, il-Kummissjoni ser teżamina l-possibbiltà li tistabbilixxi strument finanzjarju ad hoc. Dan l-istrument għandu jkun ta' durata limitata allinjata mal-miżuri dwar il-kriżi tal-karburant taħt il-FES. Ir-riżorsi taħt din il-faċilità l-ġdida ad hoc ikunu allokat lill-Istati Membri permezz ta' kriterji speċifiċi. B'mod partikolari, sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn dan l-appoġġ addizzjonali, l-Istati Membri, qabel, għandhom ikunu għamli kontribuzzjoni sostanzjali tal-allokkazzjoni tagħhom tal-FES għall-miżuri meħtieġa biex tiġi indirizzata l-kriżi, billi jkunu pprogrammaw mill-ġdid il-fondi tal-programmi operattivi tagħhom, favur l-Assi 1, jew inkella għandhom ikunu stabbilixxew Skemi ambizzjużi tal-Adattament tal-Flotta li jinvolvu sehem sinifikanti tal-flotta nazzjonali.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI LULJU/AWWISSU 2008			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni tar-Renju Unit Ir-Renju Unit jinnota li d-deċiżjoni biex ikun hemm ftehim fuq dan ir-Regolament issir qabel ma jkun hemm kwalunkwe deċiżjoni baġitarja, jew saħansitra proposta formali mill-Kummissjoni lill-awtorità baġitarja, sabiex jiġu rilaxxati EUR 600 miljun mill-fondi indikati li huma meħtieġa fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni. Ir-Renju Unit jinnota li ftehim bħal dan hu mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni tal-awtorità baġitarja dwar kwalunkwe proposta futura eventwali mill-Kummissjoni għall-ġħoti ta' fondi addizzjonali biex jiġu appoġġati l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament. L-Ungerija u l-Ġermanja jassoċjaw ruħhom mad-dikjarazzjoni tar-Renju Unit.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN LULJU/AWWISSU 2008	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi
L-2882 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fi Brussel fit-8 ta' Lulju 2008 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Nru 1/2008 dwar il-proċeduri għall-eżami u l-evalwazzjoni preliminari ta' proġetti kbar ta' investiment għall-perijodi ta' programmazzjoni 1994-1999 u 2000-2006 9846/08 2008/571/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2008 li temenda d-Deċiżjoni 98/481/KE li tapprova l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali Ewropew 10033/08 + COR 1 (fi) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 646/2008 tat-8 ta' Lulju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi kontra l-President Lukashenko u ċerti uffiċjali tal-Belarus 10121/08 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni temporanja ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kroazja min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea 15834/07 + COR 1 (es) + COR 2 (de) + COR 4 (sl) + COR 5 (fi) + COR 6 + COR 7 + COR 8 + COR 9 + REV 2 (mt) + REV 2 COR 1 (mt)	

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
LULJU/AWWISSU 2008**

ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ għat-terroriżmu 10928/08 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fir-rigward tal-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu 10931/08 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 662/2008 tat-8 ta' Lulju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 442/2007 tad-19 ta' April 2007 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tan-nitrat tal-ammonju li joriġina fl-Ukrajna wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 10852/08 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 649/2008 tat-8 ta' Lulju 2008 li jimponi dazju definittiv kontra l-iddampjar fuq importazzjonijiet ta' trab tal-karbon attivati li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina 10626/08 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 661/2008 tat-8 ta' Lulju 2008 li jimponi dazju definittiv antidumping fuq importazzjonijiet ta' nitrat tal-ammonju li joriġinaw mir-Russja wara verifika ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) u reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 10622/08 Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem il-Komunità Ewropea fir-rigward tal-proposta għall-emendar tal-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam 10102/08	

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
LULJU/AWWISSU 2008**

ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi
Opinjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-programm ta' stabbiltà aġġornat tal-Belġju 2007-2011 10848/08 Opinjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Lulju 2008 dwar il-programm aġġornat ta' konverġenza tal-Polonja, 2007-2010 10845/08 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Governanza tal-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASB) 11183/08 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Swieq Finanzjarji: Sitwazzjoni u implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali tal-Kunsill 11229/08 L-2884 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA u SAJD), li saret fi Brussell fil-15 ta' Lulju 2008 2008/645/KE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2008 li temenda d-Deċiżjoni 97/126/KE dwar il-konklużjoni ta' ftehim bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u l-Gvern tad-Danimarka u l-Gvern Lokali tal-Gżejjer Faroe, min-naħa l-oħra 9910/08	

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
LULJU/AWWISSU 2008**

ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra 7507/08 + COR 1 (fi) + COR 2 + COR 3 (es) + COR 4 + COR 5 (de) + COR 6 (el) + COR 7 (fr) + COR 8 (ee) + REV 1 (cz) Dikjarazzjoni mir-Renju Unit Ir-Renju Unit jinnotta l-kontribut tas-Servizz Legali tal-Kunsill lill-Grupp ta' Ħidma dwar l-AKP tat-2 ta' Ġunju 2008, id-dokument numru 10238/08, u t-tweġiba mill-Irlanda għal dak il-kontribut. It-tweġiba tal-Irlanda tidentifika b'mod utli ż-żewġ elementi importanti fl-opinjoni. Ir-Renju Unit jaqbel li l-pożizzjoni speċjali tal-Irlanda, id-Danimarka u r-Renju Unit ser tkun rilevanti meta ftehim ikun jinkludi dispożizzjonijiet li jaqgħu taħt il-qasam kopert mit-Titolu IV tal-Parti III tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea. Fl-opinjoni tiegħu dan ser jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-hekk imsejħa 'servizzi tal-mode 4' safejn huma jikkonċernaw il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' fornituri tas-servizzi nazzjonali ta' pajjiż terz u li ser jiġu adottati abbażi tas-setgħat interni tal-Komunità fit-Titolu IV jekk inklużi f'miżura interna. Meta d-dispożizzjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-qasam kopert mit-Titolu IV jkunu inklużi fi ftehim Komunitarju, huma ser jorbtu lir-Renju Unit u lill-Irlanda bħala parti mill-Komunità biss meta daww l-Istati jkunu għażlu li jiffirmaw u jikkonkludu d-Deċiżjoni rilevanti tal-Kunsill. Jekk jagħżlu li ma jipparteċipawx, it-tali dispożizzjonijiet jorbtu lil daww l-Istati fil-kapaċità nazzjonali tagħhom meta l-ftehim rilevanti huwa ftehim imħallat u daww l-Istati u l-Komunità huma partijiet għall-ftehim fl-isferi rispettivi ta' kompetenza tagħhom. Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/588/PESK tal-15 ta' Lulju 2008 dwar appoġġ għall-attivitajiet tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar il-Projbizzjoni Totali ta' Provi Nukleari (CTBTO) sabiex issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' monitoraġġ u verifika tagħha u fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi tal-Qerda tal-Massa 9797/08	

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
LULJU/AWWISSU 2008**

ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 666/2008 tal-15 ta' Lulju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 889/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo 10779/08 Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/586 /PESK tal-15 ta' Lulju 2008 li taġġorna l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/871/PESK 9828/08 2008/583/KE: Deċiżjoni Tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2008 li timplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2007/868/KE 9830/08 + COR 1 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 704/2008 tal-15 ta' Lulju 2008 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja provduti fil-Ftehim ta' Sħubija fil-qasam tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja għall-perjodu mill-1 ta' Awissu 2008 sal-31 ta' Lulju 2012 9690/08	

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
LULJU/AWWISSU 2008**

ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi
L-2883 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET EKONOMIĊI u FINANZJARJI/BAĠIT), li nżammet fi Brussell fis-17 ta' Lulju 2008 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 684/2008 tas-17 ta' Lulju 2008 li jiċċara l-ambitu tal-miżuri antidumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1174/2005 fuq importazzjonijiet ta' pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina 11082/08 + COR 1 (fi) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 685/2008 tas-17 ta' Lulju 2008 li jħassar il-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament (KE) Nru 85/2006 dwar importazzjonijiet ta' salamun ta' trobbija li joriġina fin-Norveġja 11085/08 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-Komunità fil-Kunsill ta' Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel rigward l-emenda tal-Annessi IV u VI għall-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra, dwar ċerti prodotti agrikoli 11219/08 Dikjarazzjoni mill-Komunità Ewropea Meta kwalunkwe prodott elenkat fl-Anness IV lista 7 tal-Ftehim jiddaħħal fir-Reġistru tal-KE dwar indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u denominazzjonijiet tal-oriġini, skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) 510/2006, il-Komunità Ewropea temmen li jkun meħtieġ li jittieħdu passi biex jiġu inklużi tali prodotti fil-lista 8 tal-Anness IV. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni ser tieħu l-passi meħtieġa biex tikseb Deċiżjoni mill-Kunsill tal-Kooperazzjoni Konġunta abbażi tal-Artikolu 106 tal-Ftehim.	

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
LULJU/AWWISSU 2008**

ATTI OĦRAJN

Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi

Dikjarazzjoni mid-Danimarka

Id-Danimarka tassumi li l-Kummissjoni ser tirrapporta regolarment dwar il-progress li sar - i.a. fil-kuntest tan-negozjati SADC EPA - sabiex jinkisbu l-istess kondizzjonijiet għall-aċċess għas-suq tal-Afrika t'Isfel għall-ġobnijiet kollha mill-UE li ma jirċevux rifużjonijiet għall-esportazzjoni bħal dawk mogħtija lil Gouda, Cheddar u l-ġobnijiet ipproċessati.

L-2885 u l-2886 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI u RELAZZJONIJIET ESTERNI), li saret fi Brussell u f'Ġinevra fit-22-29 ta' Lulju 2008

Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/605/PESK tat-22 ta' Lulju 2008 li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe
11611/08 + REV 1 (fr)

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika tal-Każakistan, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Unjoni Ewropea
8133/07

Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea bil-ksieb tal-għaxar laqgħa tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni UE-Repubblika Kirgiża (Brussell, 22 ta' Lulju 2008)
11616/1/08 REV 1

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Balkani tal-Punent
11738/1/08 REV 1

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
LULJU/AWWISSU 2008**

ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri Nru 3/2008 dwar il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea 11194/08 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011 u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 552/97, (KE) Nru 1933/2006 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 u (KE) Nru 964/2007 9792/08 + COR 1 (pl) + REV 1 (fi) + REV 2 (ro) + REV 3(es) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar pożizzjoni Komunitarja fi ħdan il-Kunsill Konġunt tal-UE/Messiku li tikkonċerna l-emendi għad-Deċiżjoni Konġunta tal-Kunsill Nru 2/2000, kif emendata bid-Deċiżjoni Konġunta tal-Kunsill Nru 3/2004 tad-29 ta' Lulju 2004 11402/08 Deċiżjoni tal-Kunsill rigward il-pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-Kunsill Konġunt UE-Messiku dwar l-emendi għad-Deċiżjoni Nru 2/2001 tal-Kunsill Konġunt UE-Messiku li timplimenta l-Artikoli 6, 9, 12(2)(b) u 50 tal-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni 11435/08	

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
LULJU/AWWISSU 2008**

ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi
Pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea bil-ksieb tat-Tielet Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna, Akkra (il-Gana), 2 sal-4 ta' Settembru 2008 - Linji Gwida għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea 11592/08 ADD 1	
Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika tal-Polonja dwar il-Linji Gwida għall-Parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fit-Tielet Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna, Akkra, il-Gana, 2 - 4 ta' Settembru 2008 Ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika tal-Polonji jaqblu dwar li l-UE għandu jkollha rwol ta' tmexxija qabel, matul u wara l-Forum ta' Livell Għoli ta' Akkra dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna u jifhmu li l-Linji Gwida tal-UE għal Akkra jeħtieġu jkun viżjonarji u politikament ambizzjużi. F'dan is-sens iż-żewġ pajjiżi sottoskritti qablu dwar id-dokument Nru 96/2/08 REV2 DEGEN bħala dokument viżjonarju u bażi għal negozjar tal-Aġenda ta' Akkra għal Azzjoni. Madankollu, fir-rigward tal-implimentazzjoni prattika ta' xi proposti li jinsabu fil-Linji Gwida tal-UE għal Akkra, għandu jkun mifhum li fil-każ tar-Repubblika Ċeka u tar-Repubblika tal-Polonja, li huma donaturi relattivament ġodda, l-implimentazzjoni tista' tkun biss gradwali u koerenti mal-isforzi ġenerali biex jissaħħa il-qafas ta' kapaċità, legali u baġitarju għall-kooperazzjoni ta' żvilupp tagħhom. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja 11254/08 + REV 1 (fr) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Somalja 11818/08 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-Żimbabwe 11817/08 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iċ-Ċad/Repubblika Ċentro Afrikana 11838/08	

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
LULJU/AWWISSU 2008**

ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Balkani tal-Punent 11738/1/08 REV 1 L-2887 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA u AFFARIJET INTERNI), li saret fi Brussell fl-24 u l-25 ta' Lulju 2008 Rakkomandazzjonijiet dwar l-Istrateġija Riveduta dwar il-Finanzjament tat-Terroriżmu 11778/1/08 REV 1 Dikjarazzjoni mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li tikkonċerna pretensjonijiet kontra n-Nazzjonijiet Uniti li joħorġu minn jew huma marbuta mal-implimentazzjoni tal-Arranġament bejn l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti dwar il-kooperazzjoni bejn l-EUFOR TCHAD/RCA u l-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Ċentro-Afrikana u ċ-Ċad (MINURCAT) 11905/08 Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/612/PESK tal-24 Lulju 2008 dwar il-ħatra tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan 9981/08 Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/613/PESK tal- 24 ta' Lulju 2008 li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2004/694/PESK dwar aktar miżuri ta' appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għal dik li qabel kienet il-Jugoslavja (ICTY) 11577/08	

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
LULJU/AWWISSU 2008**

ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi
Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/614/PESK tal-24 ta' Lulju 2008 li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2004/293/PESK li ġġedded il-miżuri b'appoġġ għall-implimentazzjoni effettiva tal-mandat tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għall-ex Jugoslavja (ICTY) 11582/08 Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/666/PESK tal-24 ta' Lulju 2008 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera fil-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo, EULEX KOSOVO 10471/08 Memorandum ta' Ftehim rigward is-Sħubija Strateġika dwar l-Enerġija bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iraq 11776/1/08 REV 1 Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/611/PESK tal-24 ta' Lulju 2008 li tħassar il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/187/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-gvern illegali ta' Anjouan fl-Unjoni tal-Komoros 9193/08 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 705/2008 tal-24 ta' Lulju 2008 li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 243/2008 li jimponi ċerti miżuri restrittivi fuq l-awtoritajiet illegali tal-gżira ta' Anjouan fl-Unjoni tal-Komoros 11570/08	

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
LULJU/AWWISSU 2008**

ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 789/2008 tal-24 ta' Lulju 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1911/2006 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' urea u ta' nitrati tal-ammonju li joriġinaw mill-Alġerija, mill-Belarus, mir-Russja u mill-Ukraina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 11444/08 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 727/2008 tal-24 ta' Lulju 2008 li jtemm ir-reviżjoni ta' esportatur ġdid tar-Regolament (KE) Nru 130/2006 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu tartariku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina 11333/08 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar proposti, f'isem il-Komunità Ewropea flimkien mal-Istati Membri, għal emendi tal-Anness I tal-Protokoll dwar Pollutanti Organiċi Persistenti (POPs) skont il-Konvenzjoni UN-ECE dwar it-Tniġġis Transkonfinali tal-Arja fuq Firxa Wiesgħa 11401/08 + COR 1 (fi) Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tipparteċipa, f'isem il-Komunità Ewropea, fin-negozjati dwar l-emendi għall-Protokoll tal-Konvenzjoni KEE-NU dwar it-tniġġis transkonfinali tal-arja fuq firxa wiesgħa, dwar Pollutanti Organiċi Persistenti (POP) 11956/08 + COR 1 (ro) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Avjazzjoni Ċivili u l-Komunità Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam mal-verifiki/l-ispezzjonijiet tas-sigurtà u l-kwistjonijiet relatati 11475/08 + COR 1 + COR 2 (fi)	

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
LULJU/AWWISSU 2008**

ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-akkoljenza ta' refuġjati Iraqini fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea 11933/08 Proċedura bil-miktub konkluda fid-29 ta' Lulju 2008 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem il-Komunità fit-tlelta il Konferenza Annwali tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakju fil-Baħar ta' Bering Ċentrali (Kaliningrad mill-1 sat-3 ta' Settembru 2008) 12170/08 Proċedura bil-miktub konkluda fil-31 ta' Lulju 2008 Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/632/PESK tal-31 ta' Lulju 2008 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe 11895/08 Proċedura bil-miktub konkluda fl-4 ta' Awwissu 2008	
Azzjoni konġunta tal-Kunsill 2008/643/PESK tal-4 ta' Awwissu 2008 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2007/369/PESK dwar l-istabbiliment tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGANISTAN) 12286/08 Dikjarazzjoni mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li jipparteċipaw fil-EUFOR Tchad/RCA dwar pretensjonijiet kontra l-Qorti Kriminali Internazzjonali li joħorġu minn jew f'konnessjoni mal-implimentazzjoni tal-arranġament ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-QKI fir-rigward tal-EUFOR Tchad/RCA 12334/08	

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
LULJU/AWWISSU 2008**

ATTI OĦRAJN

Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi

Proċedura bil-miktub konklużi fis-7 ta' Awwissu 2008

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 805/2008 tas-7 ta' Awwissu 2008 li jħassar id-dazji anti-dumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 437/2004 fuq importazzjonijiet ta' troti kbar rainbow li joriġinaw min-Norveġja
11903/08

Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/652/PESK tas-7 ta' Awwissu 2008 li temenda l-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran
12147/08

Proċedura bil-miktub konklużi fil-11 ta' Awwissu 2008

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 812/2008 tal-11 ta' Awwissu 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 954/2006 li jimponi dazju definittiv antidumping fuq ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw, inter alia, fir-Russja
11999/1/08 REV 1

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 813/2008 tal-11 ta' Awwissu 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 74/2004 li jimponi dazju definittiv ta' kontrobilanċ fuq importazzjonijiet ta' bjankerija tas-sodda tat-tip tal-qoton li joriġinaw fl-Indja
12049/08

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI LEĠISLATTIVI OĦRAJN
LULJU/AWWISSU 2008**

ATTI OĦRAJN

Voti/Dikjarazzjonijiet magħmula pubbliċi

Proċedura bil-miktub konklufa fit-13 ta' Awwissu 2008

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 818/2008 tat-13 ta' Awwissu 2008 li jemenda ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2074/2004 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjoni ta' ċertu mekkaniżmi tal-fajls bl-anelli li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u jittermina l-investigazzjoni dwar il-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri anti-dumping imposti minn dak ir-Regolament permezz ta' importazzjoni ta' ċertu mekkaniżmi tal-fajls bl-anelli kkunsinjati mit-Tajlandja, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Tajlandja u sew jekk le
12052/08

Proċedura bil-miktub konklufa fis-27 ta' Awwissu 2008

Regolament tal-Kunsill li jestendi s-sospensjoni tad-dazju definittiv anti-dumping impost permezz tar-Regolament (KE) Nru 1420/2007 fuq l-importazzjonijiet tas-siliko-manganiż li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Kazakistan
12319/08